**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Ahmad Yassine**

**Kawza: Distrett Valletta**

**Illum 29 ta' Dicembru 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ahmad Yassine** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 241807 (L) billi huwa akkuzat talli fis-16 ta' Novembru 2016 ghall-habta tal-10:05hrs gewwa dawn il-gzejjer:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat u / jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih fil-konfront tal-Qorti tal-Gustizzja l-Belt Valletta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel thedid serju bil-mezz ta' karta miktuba, jew bil-fomm fil-konfront tal-Qorti tal-Gustizzja l-Belt Valletta, sew jekk b' mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl-isem tieghu jew maħluq;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b' hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaġunajtu lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd iehor meta kont taf jew missek kont taf li l-imgieba tieghek ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, tant li gie evakwat l-istess bini tal-Qorti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imputat li huwa recediv ai termini ta' 49 u 50 u dan wara sentenzi li saru definittivi

Il-Qorti giet gentilment mitlba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha inkluz r-rapport tal-espert tekniku fejn kien stabilit li l-imputat kien talab informazzjoni lill-kumpanija GO biex jipprovduh in-numru tat-telephone tal-Qorti u kif dawn baghtulu sms lura bl-informazzjoni mitluba, li l-imputat bidel is-sim card tal-mobile tieghu u permezz tas-sim card il-gdida ghamel it-telefonata ta' ghaxar sekondi fejn informa li kien hemm bomba fil-bini tal-Qorti.

Rat illi dan sehh meta l-imputat kellu proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu u ried jevita s-seduta ta' dakinhar.

Semghet lix-xhud Direttur tal-Finanzi tal-Qorti Raymond Scicluna fejn ta rendikont tal-ispiza ghal fatt li erba' mitt (400) impjegat tal-Qorti kellhom johorgu 'l barra mix-xoghol taghhom ghal saghtejn shah u dan ghaliex il-bini tal-Qorti kien evakwat minhabba t-theddida ta' bomba li saret mill-imputat bl-ispiza kkalkolata tmint elef, seba' mija u tmenin Ewro u erbghin centezmu (€8,780.40).

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u rrikoferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura serja tar-reat addebitat lill-imputat, id-danni sofferti minhabba l-agir tietghu, l-inkonvenjent tal-pubbliku li kien imsejjah biex jidher il-Qorti, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' ghaxart'elef ewro (€ 10,000) u bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Ahmed Yassine taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ta' mitejn u tmenin (280) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Stante illi l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-espert mahtur f'dawn il-proceduri u tikkundanna lil Ahmed Yassine biex ihallas hames mija, hamsa u disghin Ewro u disghin centezmu (€595.90)[1] u dan fi zmien tliet xhur millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

---

[1] **DRITTIJIET ESPERTI TOTAL – Dr. Martin Bajada €595.90**